# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Rik. Nru. 869/23JRM**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 976/23 akkordat fil-21 ta' Ġunju, 2023 fl-ismijiet:

Wolfgang **REINPRECHT** debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu, l-Avv. Dr. Sarah Sultana

vs

**N1 INTERACTIVE LIMITED (C – 81457)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors imressaq mill-kumpannija eżekutata N1 Interactive Limited fit-8 ta' Awwissu, 2023, għall-għanijiet tal-artikolu 44(1) tar-Regolament Numru 1215/2012 tal-Unjoni Ewropeja li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li, għall-għanijiet tal-artikolu 44(1)(ċ) tal-imsemmi Regolament, din il-Qorti tilqa' s-sospensjoni tal-effetti tal-Mandat Eżekuttiv ta'

Sekwestru hawn fuq imsemmi billi tordna li ma jsir ebda ġbid jew żbank ta' flejjes depożitati jew li għad iridu jiġu depożitati mis-sekwestratarji u billi jirrilaxxaw il-kontijiet tagħha sakemm tinqata' b'mod definittiv jew tkun ċeduta l-kawża li hija fetħet kontra l-intimat eżekutant Wolfgang Reinprecht[1];

Rat it-tweġiba mressqa mill-intimata eżekutanti Avukat Sarah Sultana *nomine* fit-12 ta' Ottubru, 2023, li biha laqgħet għat-talba tar-rikorrenti eżekutata billi, dwar dik it-talba tal-eżekutata li titlob li ma jsir l-ebda ġbid tal-fondi sekwestrati mqiegħda taħt l-awtorità qalet li l-fatt li l-eżekutata fetħet kawża kontriha – li hija fissret bħala waħda mingħajr ebda bażi legali u għandha mill-fieragħ għaliex maħsuba biss biex ittawwal it-twettiq tat-titolu eżekuttiv li l-eżekutant jgawdi kontra tagħha – ma jfissirx li b'daqshekk l-effetti tal-mandat għandhom jitwaqqfu. Madankollu, żiedet tgħid li, ladarba l-ebda żbank ma jseħħ b'mod unilaterali u jiddependi wkoll mill-pożizzjoni li tieħu l-parti eżekutata, bla ebda preġudizzju, ma kinitx qiegħda topponi għal dik il-parti tat-talba li żżommha milli tiġbed flejjes depożitati mis-sekwestratarji taħt l-awtorità tal-Qorti bis-saħħa tas-sejħa li saritilhom fil-Mandat mertu tal-każ, sakemm ikun hemm eżitu definittiv tal-kawża li r-rikorrenti eżekutata fetħet kontra l-eżekutant quddiem il-Qrati Maltin. Madankollu, dwar il-bqija tat-talba (dik li titkellem dwar twaqqif tal-effetti tal-Mandat biex is-sekwestratarji "jirrilaxxaw il-kontijiet"), hija tgħid li talba bħal din ma tistax issir għaliex hija vaga u ma tfissritx sewwa u fuq is-saħħa ta' liema dispożizzjoni tal-liġi qiegħda ssir. Żiedet tgħid li kien jaqa' fuq ir-rikorrenti eżekutanti tressaq prova (imqar b'kopja taċ-ċedoli ta' depożitu li saru mis-sekwestratarji) li l-ammont sekwestrat jinsab depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti, u li jekk dak l-ammont tabilħaqq intlaħaq, li tniedi l-proċeduri meħtieġa għall-ħruġ tal-kontro-mandat relattiv u għall-iżbank ta' flejjes depożitati li jaqbżu l-ammont mitlub fil-Mandat;

Illi, fid-dawl tal-aċċettazzjoni min-naħa tal-intimata eżekutanti *nomine* għal dik il-parti tat-talba tal-eżekutata li titkellem dwar żamma milli jinġibdu fondi depożitati bis-saħħa tal-Mandat, il-Qorti se tilqa' t-talba;

Illi fir-rigward tat-tieni fergħa tat-talba tar-rikorrenti eżekutata, il-Qorti tifhem li dik it-talba donnha mod ieħor kif tħassar jew twaqqaf il-Mandat billi tagħti ordni lis-sekwestratarji ħalli ma jibqgħux jiddepożitaw flus aktar taħt l-awtorità tal-Qorti li jappartienu lilha;

Illi b'din it-tieni fergħa tat-talba kif hekk imressqa, il-Qorti tqis li r-rikorrenti eżekutata qiegħda tmur lil hinn minn dak li dan il-provvediment tal-

[1] Rik. Nru. 656/23TA

lum jista' jagħti jew dak li huwa mħolli li jsir taħt ir-Regolament li taħtu tressaq dan ir-rikors;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti qiegħda tiċċita minn provvediment mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta li jfisser b'mod ċar u mirqum sa fejn tista' tasal talba bħal dik li ressqet ir-rikorrenti eżekutata f'din il-proċedura. F'dak il-provvediment, fost ħwejjeġ oħra, ingħad hekk: "*It-tieni element li jrid jintwera biex tintlaqa' talba għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenzi huwa dak tal-preġudizzju. Li trid tara l-qorti hawnhekk huwa jekk it-tkomplija tal-esekuzzjoni tas-sentenza sejriex toħloq preġudizzju akbar lill-(eżekutat) milli lil (l-eżekutant) jekk kemm-il darba l-esekuzzjoni tas-sentenza tiġi sospiża. (l-eżekutata) ma semmiet xejn dwar il-preġudizzju li tista' ssofri jekk kemm-il darba t-talba tagħha għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru ma tintlaqax. ... Il-qorti ħasbet fit-tul fuq il-kwistjoni u waslet għall-konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, ladarba hija dehrilha li (l-eżekutata) għandha argument dibattibli biex titlob is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza, l-aħjar soluzzjoni huwa li taċċetta t-talba tagħha li jiġu sospiżi l-effetti tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv .. .. . Din is-sospensjoni iżda qed tintlaqa' biss safejn jolqot it-tiġbid jew żbank tal-flus, min-naħa ta' (l-eżekutant), li ġew jew għad iridu jiġu depożitati mis-sekwestratarji. Fi kliem ieħor, il-mandat ta' sekwestru esekuttiv għandu jibqa' fis-seħħ sabiex is-sekwestratarji jiddepożitaw il-flejjes ta' (l-eżekutat) li jkunu miżmuma magħhom, iżda min-naħa l-oħra (l-eżekutanti) mhijiex awtorizzata tiġbed il-flejjes li jiġu depożitati qabel ma tingħalaq b'mod definittiv jew tiġi ċeduta l-kawża .. .. li hemm miftuħa bejn il-partijiet*"[2];

Illi dan kollu joqgħod għall-proċedura tal-lum u l-Qorti sejra tipprovdi f'dan is-sens;

Illi, jekk kemm-il darba jirriżulta lir-rikorrenti eżekutata li s-sekwestratarji iddepożitaw ammont ta' flejjes tagħha li jaqbżu l-ammont imħares bil-Mandat, l-istess eżekutata għandha f'kull każ miftuħa l-għażliet li tinqeda bir-rimedji proċedurali li jingħataw lil kull parti sekwestrata f'dan ir-rigward;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti eżekutata N1 Interactive Limited billi:

**Tilqa' t-talba** għas-sospensjoni tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 976/2023 għall-għanijiet tal-artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament (UE) 1215/2012, iżda dan safejn tolqot biss il-ġbid min-naħa tal-intimat eżekutant Wolfgang

[2] P.A. CFS **11.10.2021** fl-atti tar-Rik. 825/21 fl-ismijiet ***Lotto Hessen GmbH vs Deutsche Lotto und Sportwetten Ltd***

Reinprecht ta' flejjes li ġew jew għad iridu jiġu depożitati mis-sekwestratarji u dan sakemm tinqata' b'mod definittiv jew tkun ċeduta l-kawża fuq imsemmija miftuħa mill-istess rikorrenti eżekutata, u tiċħadha għall-bqija;

Fid-dawl tan-natura għal kollox konservattiva u proviżorja ta' dan il-provvediment, il-Qorti tordna li kull parti terfa' l-**ispejjeż** tagħha marbuta ma' din il-proċedura.

Mogħti kameralment illum, 26 ta' Marzu, 2024.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**